

## Tagħrif ieħor

Żur il-website My Aged Care f'
**www.myagedcare.gov.au**

jew

Tista' ċċempel My Aged Care fuq
**1800 200 422***

Iċ-ċentru tal-kuntatt tal-My Aged Care jopera:

- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa – mit-8am sat-8pm
- Is-Sibt mill-10am sas-2pm (AEST)

Iċ-ċentru tal-kuntatt ikun magħluq fil-Ħdud u l-btajjel pubbliċi.

**Jekk ma tismax jew għandek nuqqas ta' smigħ jew kif titkellem**, aħna nistgħu ngħinu permezz tan-National Relay Service. Ċempel **1800 555 677*** u itlob **1800 200 422***.

**Jekk tinħtieġ interpretu nistgħu ngħinu** permezz tas-Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretar. Ċempel **131 450** u itlob **1800 200 422***.

** Telefonati fuq numri li jibdew 1800 huma ġeneralment bla ħlas meta magħmulin minn telefon fiss. Telefonati mill-mobajl ikunu ċċarġjati skont kull provditur tat-telefonija.*

Kull informazzjoni f'din il-pubblikazzjoni hija korretta kif inhi f' Novembru 2016

11782 Frar 2017

Australian Government | myagedcare



# Il-passaġġ tiegħek lejn il-ksib ta' Pakkett għall-Kura fid-Dar (Home Care Package)

## Tirċievi r-riżultat tal-assessjar tiegħek

**Inti tirċievi ittra**

Inti tirċievi ittra ta' approvazzjoni li tgħidlek jekk tkunx eliġibbli u approvat/a biex tirċievi pakkett ta' kura fid-dar, u f'liema grad.

Inti jingħatalek post fi kju nazzjonali ta' prijorità għal servizzi ta' kura fid-dar u jikkuntattjawk meta jkun hemm pakkett tajjeb għalik disponibbli.

Il-post tiegħek fil-kju jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi tiegħek kif ukoll iż-żmien li tkun għaddejt tistenna l-kura.

## Tfittex il-provdituri tal-kura fid-dar u taħdem il-prezzijiet

Waqt li tkun tistenna fil-kju jkun jinħtieġlek tibda tfittex provdituri approvati tal-kura fid-dar biex tifhem:

- kif jistgħu jaqdu l-aħjar il-ħtiġijiet tiegħek
- it-tariffi u l-prezzijiet u dawn xi jfissru
- xi servizzi oħra li joffru li jistgħu jiddistingwuhom minn provdituri oħra

Jekk tinħtieġ għajnuna fit-tiftix tal-provdituri tista' tuża is-Service Finder f' My Aged Care **www.myagedcare.gov.au** jew ikkuntattja My Aged Care fuq **1800 200 422**.

Tista' tintalab biex tikkontribwixxi għall-prezz tal-pakkett tiegħek għalhekk hija idea tajba li tibda tfittex it-tariffi tal-kura fid-dar. Tista' tuża l-Istimatur tat-Tariffa tal-Kura fid-Dar fuq My Aged Care biex issib stima tat-tariffi.

Għal assessjar formali tad-dħul tista' ċċempel lid-Department of Human Services fuq 1800 227 475. Id-dar tiegħek ma tkunx inkluża fl-assessjar tad-dħul, id-dħul tiegħek biss ikun ikkunsidrat.

Id-Department of Human Services javżak dwar it-tariffa skont it-test tad-dħul tiegħek u mbagħad tkun tista' tuża din l-informazzjoni meta tiddiskuti l-ftehim għall-kura fid-dar mal-providtur magħżul minnek fit-tieni stadju.

## Tkun assenjat/a pakkett ta' kura fid-dar

**Inti tirċievi ittra**

Meta tasal quddiem fil-kju inti tirċievi ittra bid-dettalji tal-pakkett tiegħek tal-kura fid-dar. Din tkun tinkludi l-kodiċi uniku tar-riferiment tiegħek biex tkun tista' tieħu l-pakkett tiegħek.

Ikollok żmien 56 ġurnata biex tieħu l-pakkett ġdid tiegħek tal-kura fid-dar u biex tagħmel ftehim ta' kura fid-dar mal-provditur magħżul minnek.

Jekk għal xi raġuni tkun tinħtieġ xi estensjoni għandek tikkuntattja l-My Aged Care.

## Tagħmel Ftehim ta' Kura fid-Dar

Meta tkun għażilt provditur li jkun jista' jaqdi l-aħjar il-ħtiġijiet tiegħek, huma jaħdmu bi sħab miegħek biex jiżviluppaw il-pjan u l-pakket tal-kura tiegħek ibbażat fuq il-baġit tiegħek.

Il-provditur għandu jurik it-tariffi u ċarġis oħra barra mit-tariffa meqjusa skont it-test tad-dħul (jekk ikun jgħodd). Per eżempju, jistgħu jiċċarġjawk tariffa bażika ta' kuljum u/jew ċarġis ta' amministrazzjoni jew maniġġjar tal-każ.

Irrevedi l-Ftehim ta' Kura fid-Dar tiegħek ma' membru tal-familja, kerer, ħabib/a jew persuna li tissapportjak. Jekk trid, tista' wkoll tfittex parir legali indipendenti

Inti tkun tista' tibdel il-pjan tal-kura meta trid b'konsultazzjoni mal-provditur tiegħek.

## Timmaniġġja s-servizzi tiegħek

Meta tkun kuntent/a bil-pjan u l-pakkett tal-kura tiegħek, aqra bl-attenzjoni il-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar qabel ma tiffirmah biex tibda tirċievi s-servizzi.

Jekk il-ħtiġijiet tal-kura tiegħek jinbidlu u tkun tinħtieġ kura u servizzi differenti, tista' tirranġa mal-provditur tiegħek biex tirrevedi il-pjan u l-pakkett tal-kura tiegħek.

Jekk għal xi raġuni fil-futur ikun jinħtieġlek tibdel il-provdituri, kemm għax tkun se ġġorr għal post ieħor jew għax tkun qed tfittex servizz li jaqbillek aħjar, inti tista' tagħmel dan.

Qabel ma tiddeċidi biex tibdel il-provditur tas-servizzi tiegħek aqra l-Ftehim tiegħek tal-Kura fid-Dar biex tiżgura ruħek li tkun taf b'xi tariffi u kundizzjonijiet meta titlaq minn ma' provditur.

Il-provditur tiegħek huwa obbligat li jissapportjak jekk tagħżel li tmur ma' provditur ieħor, dan jinkludi t-trasferiment tal-fondi mhux minfuqa lill-provditur ġdid tiegħek tal-kura fid-dar.